MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CAMILLERI GINO LL.D.

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1011/1995/1

**Ehab Farouk Eskander bhala direttur u in rappreżentanza tas-socjeta' Marimina Company Limited u b'nota tas-17 ta' April, 1998 Helen Eskander assumiet l-atti tal-kawza minflok Ehab Farouk Eskander fl-istess kwalita u cioe bhala direttur u in rapprezentanza tas-socjeta' Marimina Company Limited**

**-vs-**

**Georgina Aitchinson**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet :-

Illi hija bieghet diversi hwejjeg lill-konvenuta bejn Ottubru 1994 u l-bidu ta' Jannar 1995;

Illi l-konvenuta baqghala thallas is-somma ta' elfejn, seba' mija u tmienja u disghin lira u erbatax-il centezmu (Lm2,798.14) bilanc bil-prezz tal-hwejjeg mibjugha lilha;

Illi interpellata biex thallas dan il-bilanc, il-konvenuta baqghet inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. tikkundannaha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn, seba' mija u tmienja u disghin lira u erbatax-il centezmu (Lm2,798.14) bilanc tal-prezz tal-hwejjeg mibjugha lilha kif fuq inghad;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-tletin (30) ta' Mejju 1995, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din ic-citazzjoni, kontra l-konvenuta li giet ukoll ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn gie eccepit :-

1. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-sottoespost, l-intempestivita' tac-citazzjoni tas-socjeta' attrici, li ma rcevietx ittri interpellatorji datati t-30 ta' Mejju, 1995;

2. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-sottoespost, l-irritwalita' u n-nullita' tac-citazzjoni tas-socjeta' stante li r-ragel ta' l-eccipjenti mhuwiex parti fil-kawza, kif titlob il-ligi;

3. Illi, preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-sottoespost, id-dokument ezibit mis-socjeta' attrici ghandu jigi sfilzat stante li m'hemm ebda riferenza ghalih fic-citazzjoni;

4. Illi, preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-sottespost, ix-xhud citata mis-socjeta' attrici, Helen Eskander, ghandha titnehha minn fuq il-lista tax-xhieda stante illi s-socjeta' attrici naqset milli tghid xi prova bi hsiebha ggib bix-xhieda taghha, kif titlob il-ligi;

5. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tas-socjeta' attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress illi, kif se jirrizulta bl-iktar mod car u lampanti mill-provi li se jigu prodotti, is-socjeta' attrici qatt ma bieghet oggetti lill-konvenuta izda kienet tikkonsenja lill-konvenuta oggetti ta' abbiljament bil-ftehim illi l-konvenuta tbiegh dawn l-oggetti lil terzi u imbaghad thallas lis-socjeta' attrici;

6. Illi l-konvenuta pprezentat cedola ta' depozitu (li kopja taghha tinsab hawn annessa u mmarkata Dok. A) li permezz taghha hija ddepozitat l-oggetti ta' abbiljament li s-socjeta' attrici kienet ghadditilha skond it-termini tal-ftehim kif fuq spjegat taht l-Awotirta' ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex dawn l-oggetti jigu irtirati mis-socjeta' attrici;

7. Illi s-socjeta' attrici, kif se jirrizulta mill-provi, ghandha jew riedet tistipula l-istess arrangamenti ta' bejgh bil-konsenja ma' persuni ohra, u anke l-istess konvenuta ghandha arrangamenti simili ma' terzi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Mejju 1996 minn fejn jirrizulta li l-konvenuta rrinunzjat l-ewwel eccezzjoni preliminari taghha;

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Jannar 1997 minn fejn jirrizulta li l-konvenuta rrinunzjat ghat-tieni (2), ghat-tielet (3) u raba (4) eccezzjonijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-partijiet u liox-xhieda minnhom prodotti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Mejju 2000;

Ikkonsidrat:-

Is-socjeta attrici qed titlob li l-konvenuta tigi kundannata thallas is-somma ta’ elfejn, seba' mija u tmienja u disghin lira u erbatax-il centezmu (Lm2,798.14) bilanc ta’ somma akbar prezz ta’ diversi hwejjeg u oggetti ohra ta’ abbiljament lilha mibjugha u kkonsenjati bejn Ottubru 1994 u l-bidu ta' Jannar 1995;

Il-konvenuta rtirat l-ewwel erbgha eccezzjonijiet. Ghalhekk baqa li jigu esaminati l-eccezzjonijiet fil-meritu. Hawnhekk il-konvenuta qed tissottometti li s-socjeta' attrici qatt ma bieghet lilha l-oggetti jew il-hwejjeg in kwestjoni. Il-konvenuta kienet taccetta l-konsenja tal-istess hwejjeg bil-ftehim li hi thallas lis-socjeta attrici ghalihom meta hi da parti taghha tbieghhom lill-terzi. Il-konvenuta ghalhekk qed issostni li kienet tieghu dawn il-hwejjeg “on consignment” u thallas biss is-socjeta attrici meta tbiegh l-istess hwejjeg lill-terzi u ghalhekk setghet ukoll tirritorna lis-socjeta attrici dawk il-hwejjeg li ma jinbieghux;

Fin-nota ta’eccezzjonijiet il-konvenuta accennat ghall-fatt li hi ppresentat cedola ta' depozitu li permezz taghha gew depositati taht l-awtorita’ ta’ din il-Qorti dawk l-oggetti kollha ta' abbiljament li s-socjeta' attrici kienet ikkonsenjat lill-konvenuta u liema oggetti ma kienux inbieghu lill-terzi. Ghandu jigi rilevat li l-fatt li saret din ic-cedola ta’ depositu hu irrilevanti ghal-finijiet ta’ dawn il-proceduri. Il-konvenuta qed tallega li hija kienet tiehu minnghand is-socjeta attrici l-oggetti ta’ abiljament in kwestjoni “on consignment” u ghalhekk trid tipprova b’mod sufficjenti din l-allegazzjoni;

Il-konvenuta tghid li kienet iltaqghat l-ewwel darba mal-attur Eskander, illum mejjet, meta marret ghandu ma habiba taghha, cioe Victoria Busuttil, sabiex jixtru xi hwejjeg ghalihom u ghat-tfal taghhom. Il-konvenuta tghid li kienet f’dik l-okkazzjoni li l-imsemmi Eskander ippropona li huma, l-konvenuta u l-imsemmija habiba taghha, jiehdu hwejjeg u oggetti ohra ta’ abbiljament minnghand is-socjeta attrici sabiex dawn jinbieghu lill-terzi u l-hlas kellu

jsir biss meta effettivament dawn jinxtraw mill-istess terzi. Dan gie accettat mill-konvenuta u mill-habiba taghha u b'hekk beda isir negozju bejn is-socjeta attrici u l-konvenuta u l-habiba taghha fuq din il-bazi u fuq l-imsemmija termini. Inoltre l-konvenuta tghid li f'dan in-negozju hi kienet shab mal-imsemmija habiba taghha, pero' ma saret ebda eccezzjoni f'dan is-sens;

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz u tar-risultanzi ma jistax jinghad li l-imsemmija allegazzjoni tal-konvenuta giet ipprovata b'mod sufficjenti. In effett il-konvenuta ipproduciet biex tixhed lill-imsemmija habiba taghha Victoria Busuttil. Din Busuttil ikkonfermat li kienet presenti meta sar il-ftehim li l-hwejjeg kienu ser jittiehdu "on consignment", pero', kuntrarjament ghal dak li qalet il-konvenuta, din ix-xhud ziedet tghid li dan il-ftehim sehh fis-salott taghha, cioe' tad-dar taghha. Ghalhekk f'dan ir-rigward il-konvenuta u x-xhud minnha prodotta ma jaqblux;

L-imsemmija xhud Victoria Busuttil mhux ghal kollox affidabbli u fid-deposizzjoni taghha hemm hafna lakuni. Din ix-xhud tghid li n-negozju kollu in kwestjoni f'dawn il-proceduri ghamlitu l-konvenuta wahidha. Jirrizulta pero' li din ix-xhud kienet damet tinnegozja mal-konvenuta ghal zmien twil u inoltre dak li tghid din ix-xhud ghar-rigward ta' kif itterminat in-negozju taghha mal-konvenuta u kif gie informat b'dan il-fatt Eskander hu konfuz u mhux ghall-kollox car. Dan qed jinghad anke in vista tal-fatt li x-xhud tirritjeni li hi kienet tinnegozja fl-imkien mal-konvenuta u li b'dan il-fatt kien jaf ukoll Eskander;

Barra minn hekk jirrizulta li l-konvenuta kienet tiffirma ghall-hwejjeg li kienu jigu kkonsenjati lilha. F'dan ir-rigward jirrizulta ukoll li l-konvenuta ffirmat invoices jew delivery notes li fuqhom kien hemm indikat il-bilanc dovut mill-istess konvenuta. Ma jirrizultax li l-konvenuta qatt irritornat xi hwejjeg lis-socjeta attrici. In effett il-konvenuta tghati rendikont ta' x'kien jigri meta kienet tirritorna xi hwejjeg. Dan ir-rendikont pero' hu konfuz u mhux car;

In vista ta’ dan kollu ma jirrizultax pruvat li l-konvenuta kienet tiehu l-oggetti in kwestjoni “on consignment”;

Minn-naha l-ohra kemm l-imsemmi Eskander, li lehaq xehed f’dawn il-proceduri, kif ukoll il-mara tieghu kkonfermaw li s-somma indikata fic-citazzjoni hi kollha dovuta mill-konvenuta. It-tnejn jghidu li f’hin minnhom meta l-kont tal-konvenuta tela’ mhux hazin, l-istess konvenuta riedet li, minnflok thallas il-bilanc dovut, tirriritorna l-hwejjeg li kienu ghadhom ghandha. It-tnejn ikkonfermaw li ma jafux li l-konvenuta kinet shab ma xi hadd iehor. Jirrizulta inoltre li l-konvenuta iffirmat id-dokument li jinsab esibit a fol. 5, liema dokument jindika l-invoices li kienu ghahom ma thallsux mill-konvenuta, u dan jista jindika li l-konvenuta accettat li kellha thallas l-ammont indikat fuq l-istess dokument. L-attrici Helen Eskander ikkonfermat li l-hwejjeg in kwestjoni nbieghu lill-konvenuta u ma kienux jigu konsenjati lilha fuq bazi ta’ “on consignment” u dana peress li fl-invoices relattivi ma hemm ebda indikazzjopni f’dan is-sens;

In vista ta’ dan kollu t-talbiet tas-socjeta attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u fit-tieni lok billi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna l-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn, seba' mija u tmienja u disghin lira u erbatax-il centezmu (Lm2,798.14) bilanc ta’ somma akbar prezz ta’ hwejjeg u oggetti ta’ abbiljament lilha mibjughin u kkonsenjati u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tal-presentata ta’ din ic-citazzjoni;

Spejjez kollha kontra l-konvenuta.